# IL-BIDLA F'SAN ĠILJAN

**Minn Joe Storace**

Il-festa tas-subborg ta' San Ġiljan issir madwar l-aħħar Ħadd ta' Awissu u kultant taħbat ukoll fl-ewwel Ħadd ta' Settembru. Imma minn xi xhur qabel id-direzzjoni ta' dan il-ktieb tibda taħseb sabiex tippubblika dan il-ktejjeb li minbarra l-programm tal-festa, jiġbor fih ukoll artikli dwar is-subborg u riklami.

Dan il-ktejjeb jitqassam b'xejn u għalhekk id-direzzjoni jkollha tirsisti sabiex ikollha materjal mhux biss li jinteressa lil min jir-reklama fih, imma wkoll artikli ta' nteress dwar San Ġiljan u s-subborg tiegħu. U jien dwar hekk ġejt mitlub sabiex nikteb: dwar San Ġiljan antik.

Flimkien man-nanna u zijti, ġejna noqogħdu San Ġiljan fl-1910 ftit qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija, li kienet faqqgħet fl-1914 u li kienet damet sa l-1918. Niftakar Strada Karmine fuq naħa waħda kienet kważi vojta mill-bini u l-istess Strada San Elija u Strada Sant'Anġlu.

Dawn it-toroq kienu magħrufa bl-isem ta' "il-parti qadima tal-parroċċa ta' San Ġiljan". Strada Lapsi, fuq in-naħa tax-xellug, kienet għelieqi; l-unika dar li kien hemm kienet id-dar tal-Perit Jimmy Cousin.

Fis-sajf il-Kappillan Amabile Bonanno, li kien joqgħod fid-dar kantuniera faċċata tal-parroċċa, kien joħroġ siġġu u jpoġġi għall-frisk wara l-barka. Aħna, it-tfal abbatini, konna npoġġu madwaru u minn hemm konna naraw l-arloġġ ta' Sant Andru, għaliex minn qabel ma taqbad it-triq mal-ġenb ta' l-arblu tat-telegrafu ma kienx hemm bini, sakemm tasal ħdejn il-football ground tas-servizzi. Din kienet triq dejqa bejn ħitan tas-sejjiegħ.

Fuq ix-xellug tal-Palazz Spinola kien hemm il-Fortizza Spinola, fejn minn din il-Fortizza sa quddiem id-Dragonara

kienet art mogħxa tal-militar. It-triq li tibda minn quddiem il-Palazz u li kienet iddur mal-bajja sa quddiem il-grada tal-Palazz Dragonara kienet triq imħarbta bi ftit terrani fuq il-lemin tat-triq. Dan il-lokal konna nsibuh bl-isem ta' Il-Qaliet.

Fis-snin Għoxrin u Tletin, l-Avukat negozjant Pace, wieħed mill-aħwa Pace, neguzjanti magħrufa, bena xi djar żgħar fil-Qaliet u kien jikrihom lill-membri tar-Riġmenti li kienu stazzjonati fil-barracks ta' Sant Andru u San Ġorġ.

Għal madwar ħmistax-il sena, bejn l-ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija, il-militar kien qed jagħmel ekonomija kbira u xi djar ta' l-Avukat Pace fil-Qaliet bdew jinkrew lill-Maltin. Għalhekk, l-Avukat Pace ħaseb ukoll biex jibni knisja żgħira tal-konkrit, u din kien ta lill-Patrijiet Agostinjani, għaliex ir-residenti tal-Qaliet kien wisq bogħod għalihom għall-knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan.

Bil-mod il-mod l-Avukat Pace kompla żied il-bini u l-lokal Qaliet tah ismu, u beda jissejjaħ Paceville.

Il-Fortizza Spinola kienet żarmata u kien kriha l-kuntrattur Calleja. Peress li l-Iscouts ta' San Ġiljan ma kellhomx Headquarters, dawn krew il-Fortizza mingħand Calleja fl-1936, imma ma damux wisq fiha għaliex il-militar ried jerġa' jarmaha peress li Hitler kien qed jaħtaf l-Ewropa biċċa biċċa. Għalhekk fl-1937 l-Iscouts reġgħu sabu ruħhom bla dar.

Fl-1939 faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija u f'Ġunju ta' l-1940 Malta ġiet attakkata mill-ajru. Din ix-xorta ta' attakki kien kawża ta' distruzzjoni ta' ħafna bini fil-Belt Valletta, fil-Kottonera u xi postijiet oħra. F'San Ġiljan kien hawn ħafna djar li kienu mikrija għax-xhur tas-sajf, u għalhekk uħud minn dawk li tilfu djarhom kawża tal-gwerra ġew joqogħdu San Ġiljan.

It-Tieni Gwerra għaddiet ukoll, imma l-bżonn ta' aktar bini beda jinħass bl-iżvilupp tat-turiżmu. Fil-biċċa art imlaqqma "Terrapiena" imtela' bil-bini ġdid li llum ġie msejjaħ "The Gardens". Kompla jiżdied il-bini fil-Qaliet, speċjalment banek,

lukandi, restaurants, ħwienet ta' kull xorta, kif ukoll blokki kbar ta' flattijiet quddiem id-Dragonara.

'Il fuq mill-Parroċċa l-Qadima imbena s-St. Michael's College, fejn fih ħafna ġuvnotti Maltin kienu ħadu d-diploma ta' għalliema. L-għelieqi kollha li kien hemm madwar il-Kulleġġ tbiddlu f'toroq u bini li jibqgħu sejrin sal-kappella tal-Minsija.

Strada Lapsi mbniet kollha, mhux biss bid-djar, imma wkoll bi Skola tal-Gvern mill-kbar, Knisja Parroċċa kbira, ir-Rockyvale, u l-bini kollu madwar il-Kalkara tal-Ġir, li għadha hekk sal-lum. Kien hemm żmien meta l-kumpannija tal-laneċ tal-pass, li kienu jaħdmu mix-Xatt ta' Tas-Sliema sa Marsa--mxett, żiedu servizz ieħor għax-xhur tas-sajf bejn San Ġiljan u l-Belt Valletta.

Dan is-servizz kien komdu ħafna għall-kapijiet tal-familja li kienu mpjegati mal-gvern u mal-partikular. Il-lanċa kienet tgħabbi mill-Balluta, toħroġ mill-bajja u tibqa' ddur sal-Ponta ta' Tigne, fejn fl-aħħar kienet torbot mal-pont tal-laneċ ta' Marsamxett.

Ma rridx ninsa l-Bajja ta' San Ġorġ, ħlief Villa Apap, li saret magħrufa wkoll bl-isem ta' Villa Rosa, f'tarf il-wied ma kienx hemm bini ħlief xi terran tal-ħaddiema fl-għelieqi, dar ftit imdaqqsa fejn twieled għall-ewwel darba s-St. Michael's College, qabel ma mbena dak ta' Ta' Giorni, u ftit djar żgħar. Dar imdaqqsa ħaduha l-Patrijiet Agostinjani, fejn fetħu l-Kappella ta' Santa Rita u kienet ukoll bħala studentaġġ, speċjalment fis-sajf.

Fi ftit kliem San Ġiljan inbidel għal kollox. Minn raħal żgħir, fejn konna noħorġu bil-qorq u kappell tar-rizzi, tbiddel totalment, tant li ħafna mill-ismijiet tal-lokal, li kienu ilhom magħrufa għal ħafna snin, tbiddlu u ntesew. San Ġiljan sar subborg tal-belt Sliema.